MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 285/2010

**Pentasia Malta Limited**
**Vs**
**Peter Czwalina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici nhar id-disgha (9) ta' Awwissu, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u hamsin Ewro u tmien centezmi (€ 10,450.08) valur tal-fattura bin-numru 0912439 li jgib id-data tal-ewwel (1) ta' Dicembru, 2009 kopja ta' liema giet annessa u mmarkata bhala Dokument A fir-rigward ta' servizzi ta' reklutagg kalkolati ai termini ta' ftehim minnu accettat u ffirmat u dan kif ser jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema somma huwa naqas milli jhallas minkejja l-interpellazzjonijiet tas-socjeta' Pentasia Malta Limited.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni pprezentat kontestwalment u kif

ukoll imghaxijiet mill-1 ta' Dicembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-konvenut kif prezentati fl-atti nhar it-8 ta' Ottubru 2010 fejn eccepixxa:

*1. "Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda ammont ma huwa dovut lilha mill-konvenut. Kif ser jigi pruvat tul it-trattazzjoni ta' dan il-kaz, il-konvenut kien informa lil kumpanija attrici illi huwa kien fil-process li jifforma il-kumpanija f'Malta b-lisem MX Entertainment u li l-konvenut kien ikun f'posizzjoni joffri kuntratt ta' impieg lil kandidati prospettivi pprezentati mis-socjeta' attrici biss taht il-kundizzjoni u f'kaz li tkun giet iffurmata din il-kumpanija. Dan ghaliex kienet ser tkun porprju din il-kumpanija li eventwalment kellha timpjega dawn il-persuni. Ghalhekk, u kif ser jigi ppruvat, is-socjeta' attrici qablet illi f'kaz li ma tigix iffurmata l-imsemmija kumpanija hija ma kinietx ser tohrog invoices ghas-servizzi taghha. Fil-fatt gara illi l-ebda kumpanija ma' giet iffurmata b'dan illi l-konvenut ma kienx finalment f'posizzjoni joffri l-ebda kuntratt ta' impjieg.*

*2. Illi sussidjarjament u ghal kollox minghajr pregudizzju ghal premess il-kandidati in kwisjtoni li gew ipprezentati mis-socjeta' attrici lil konvenut u li kienu ta' nazzjonalita barranija, ma kellhomx il-permessi skond il-ligi sabiex jahdmu f'Malta.*

*3. Illi wkoll sussidjarjament u minghajr pregudizzju, s-socjeta' attrici ghad trid tindika kif waslet ghall-ammont minnha pretiz f'din il-kawza.*

*4. Illi f'kull kaz u ghal kollox minghajr pregudizzju ghal premess l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa wiehed ghal kollox eccessiv.*

*5. B'riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli mill-ligi.*

*Ghaldaqstant il-konvenut talab li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

**Il-konvenut Peter Czwalina** xehed fit-12 ta' Jannar 2011 fejn gie muri d-dokument C esebit fl-atti u kkonferma l-firma tieghu f'dan il-kuntratt. Huwa kien kellem lil Claudio Stagno ghan-nom ta' Pentasia Malta Ltd u qallu li qed ifittex in-nies ghax kien ha jiftah kumpanija hawn Malta. Huwa qal lil Claudio Stagno li kollox kien jiddependi mill-investitur tieghu. Huwa tal-fehma li huma kienu fehmu li kollox kien jiddependi mill-investitur tieghu u huma accettaw li jsibu n-nies ghax-xoghol. Huma offrewlu tliet kandidati ghal dan ix-xoghol. Huwa spjega lil Claudio Stagno x'kien qed jistenna ezattament mill-kandidati.

Ix-xhud tenna li sussegwentement kien hemm laqgha mal-investitur u dan l-investitur ma kienx sodisfatt minn dawn it-tliet kandidati. L-investitur huwa Max Milhaz li jghix l-Ingilterra. Qal li hu kien jikkomunika ma' Pentasia. Huwa stqarr illi kien hemm persuna ohra involuta imma ma kien baqa' l-ebda komunikazzjoni bejniethom. Huwa kkonferma li l-investitur kien intervista lill-kandidati u ma kienx sodisfatt bihom.

Ix-xhud gie muri Dok. F li huwa miktub minn Iveta Leo pero' mhux cert minn dan. Dan kien fuq il-possibilita' ta' meta' n-nies ha jibdew u meta ssehh il-kumpanija. Il-konvenut sahaq li hu dejjem qalilhom li dan huwa possibilita' u infatti wiehed mill-persuni kellu xoghol u qallu biex jistenna qabel ma' jitlaq mix-xoghol li ghandu bhalissa. Huwa sostna li qatt ma' ta' struzzjonijiet lil Pentasia biex jingagga dawn in-nies. Huwa kien staqsa lil Claudio, li kellu l-obligazzjoni li jinforma n-nies li din il-kumpanija ma kienetx se ssehh u Claudio qallu li kien il-konvenut li kellu jinfurmhom. Ix-xhud qal li dan sar fuq sena qabel u ghalhekk ma kienx cert mid-dati.

Rat l-affidavit ta' **Claudio Stagno** pprezentat fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2011 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' *Senior Consultant* mas-socjeta' attrici Pentasia Malta Limited u dan ghal madwar sentejn u nofs. Huwa kien ircieva email minghand Iveta Leo fis-7 ta' Ottubru 2009, li kopja taghha giet annessa u mmarkata bhala Dok. A mal-affidavit, fejn kien gie mitlub biex jiltaqa' maghha

biex tkellmu dwar xi nies li s-sieheb taghha kien jehtieg ghall-kumpanija tal-loghob. Skond Iveta Leo din il-kumpanija kienet giet “established”. Huwa kien irrisponda permezz ta’ email li ggib id-data tas-7 ta’ Ottubru 2009 fejn ippropona laqgha fid-9 ta’ Ottubru 2009 fil-11.00am liema appuntament gie konfermat minn Iveta Leo permezz ta’ email ohra ta’ l-istess gurnata. Dan kollox jirrizulta f’dokument mmarkat bhala Dok. B.

Claudio Stagno spjega li l-laqgha saret kif skedata u attendew Iveta Leo u s-sieheb taghha l-konvenut Peter Czwalina filwaqt li Stagno kien akkompanjat minn impjegata ohra tas-socjeta’ attrici Ziva Kolaric. F’din il-laqgha gie diskuss dak li s-socjeta’ attrici setghet toffri bhala agenzija tar-reklutagg filwaqt li l-konvenut spjega l-pjanijiet tieghu u semmielhom li kellu nvestitur li kien qed jassistih fil-finanzi. Il-konvenut gharrafhom ukoll li kien qed ifittex sabiex jimpjega China Country Manager u Affiliate Manager ghan-negozju tieghu.

Wara l-laqgha huwa kien ikkomunika lill-konvenut it-*Terms of Business* fejn gew debitament iffirmati u accettati mill-konvenut fit-23 ta’ Ottubru 2009. Kopja ta’ dawn id-dokument u addendi gew annessi u mmarkati bhal Dok. C. Huwa qal li l-konvenut kien iffirma fl-allegat kapacita’ tieghu ta’ CEO tas- socjeta’ MX-Entertainment Limited li huwa ndika li kienet “in foundation”.

Claudio Stagno stqarr illi fil-11 ta’ Ottubru 2010 kien ircieva email ohra li ntbaghtet ukoll lill-konvenut, fejn Iveta Leo gharrfitu wkoll li kienu qeghdin ifittxu sabiex jimpjegaw India Country Manager, kopja ta’ liema giet annessa u mmarkata bhala Dok. C1.

Wara ricerka li solitu jaghmlu bhala agenzija ta’ reklutagg sabiex jidentifikaw kandidati prospettivi, kien identifika bhala kandidat lil Nicholas Vlachos. Huwa kien baghat informazzjoni dwar dan il-kandidat lil Iveta Leo permezz ta’ email fit-13 ta’ Ottubru 2010. Sussegwentament giet iffissata laqgha sabiex isir interview tal-kandidat. Dan kollu jirrizulta mill-emails annessi bhala Dok. D.

Huwa spjega li fis-16 ta' Ottubru 2009 kien propona permezz ta' email zewg kandidati prospettivi ohra u cioe' lil Lei Zhang maghruf bhala William u Zhidi Zhang maghruf bhala John u permezz ta' email ohra ta' l-istess jum propona wkoll lill-kandidat Litao Hu. Sussegwentament kienu gew iffissati interviews ma' Lei Zhang, Zhidi Zhang u Litao Hu. Dan kollu rrizulta mill-emails annessi u mmarkati bhala Dok. E.

Wara dawn il-laqghat kien iltaqa' mal-konvenut u Iveta Leo fit-23 ta' Ottubru 2009 gewwa Baystreet. Din hija l-gurnata fejn il-konvenut accetta t-*Terms of Business* taghhom u kkonsenjalu l-kopja ffirmata minnu. Huma kienu talbu lil Stagno biex jikkonferma l-impjieg ta' Nicholas Vlachos bhala Affiliate Manager, Zhidi Zhang bhala China Country Manager / Marketing Manager u Lei Zhang bhala Liaisons Manager. L-ewwel jum ta' l-impjieg taghhom kien gie ndikat bhala l-1 ta' Dicembru 2009 u Nicholas u Zhidi kellhom jinghataw il-possibilita' li joffru konsulenza ghax-xahar ta' Novembru bil-hlas ta' elf Ewro kull wiehed. Xhieda ta' dan giet annessa bhala Dok. F. Sussegwentement huwa baghat email lill-kandidati fejn ikkonfermalhom l-impjieg taghhom u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, id-data li fihom kellhom jibdew ix-xoghol taghhom (1 ta' Dicembru 2009). Dawn l-emails gew immarkati bhala Dok. G, H u I. Zhidi Zhang kien ittermina l-impjieg tieghu mill-kumpanija li dak iz-zmien kien impjegat maghha. Iz-zewg kandidati l-ohra ma kellhomx impjieg fiz-zmien li proponihom Claudio Stagno.

Huwa qal illi wara kienu gew infurmati permezz ta' telefonata mill-konvenut illi l-offerti gew irtirati. Ir-raguni li nghatat kienet illi l-investitur li kellu ma setghax ikompli minhabba ragunijiet ta' sahha.

Is-somma dovuta lis-socjeta' attrici ghas-servizzi ta' reklutagg rezi ammontat ghal sbatax-il elf, seba' mija u tnax-il Ewro (€17,712) kalkolata ai termini tat-*Terms of Business* u cioe' bir-rata ta' 18% tal-paga annwali ta' kull kandidat impjegat kif spjegat:

i. Nicholas Vlachos - €30,000 * 18% = €5,400

ii. Zhidi Zhang - €38,400 * 18% = €6,912
iii. Lei Zhang €30,000 * 18% = €5,400

Peress li l-offerti kienu gew irtirati, ai termini ta’ l-Artikolu 5.1 tat-*Terms of Business*, is-somma lilhom dovuta hija ridotta ghal 50% u ghalhekk is-somma dovuta u fatturata hija dik ta’ tmint elef, tmien mija u sitta u hamsin Ewro (€8,856). It-taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ammont ta’ tmint elef, tmien mija u sitta u hamsin Ewro (€8,856) tammonta ghal elf, hames mija u erbgha u disghin Ewro u tmien centezmi (€1,594.08) u ghalhekk il-valur fatturat u dovut huwa ta’ ghaxart elef, erba’ mija u hamsin Ewro u tmien centezmi (€10,450.08). Dan irrizulta mill-fattura annessa mal-avviz tal-kawza u mmarkata bhala Dok. A.

Huwa spjega li fis-27 ta’ Mejju 2010, is-socjeta’ attrici pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili li ggib in-numru 1364/2010, liema ittra ufficjali giet notifikata lill-konvenut fit-2 ta’ Gunju 2010. Ghal din l-ittra ufficjali l-konvenut intavola risposta nhar it-30 ta’ Gunju 2010 li fiha rrespinga b’mod generiku l-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici. Huwa jaf ukoll li kien hemm skambju ta’ emails bejn id-direttur Christopher Vella u l-konvenut li dwarhom se jixhed l-istess direttur.

**Peter Czwalina** xehed bil-lingwa Ingliza fit-28 ta’ Settembru 2011 fejn ghamel referenza ghax-xhieda tieghu tat-12 ta’ Jannar 2011. Huwa spjega li l-investiment maghmul mhuwiex “Med Milhas” kif indikat f’“4.11” tal-process imma xi haga bhal “Mr Minhas”. Huwa ma gabx il-file mieghu.

**Peter Czwalina** rega’ xehed fil-5 ta’ Ottubru 2011 fejn ikkonferma li kien fis-6 ta’ Novembru 2009 li Max Minhas kien intervista lill-kandidati ta’ Pentasia. Dan sar fir-Restaurant Papparazzi f’San Giljan. Mr Minhas huwa l-uniku investitur fil-kumpanija. L-isem huwa Max Minhas u ma kienx sodisfatt bil-kandidati li ntaghzlu. Il-konvenut esebixxa email li giet immarkata bhala Dok. Z li ntbaghtet lilu minn Max Minhas fejn hemm l-oggezzjonijiet tieghu fuq in-nies li ntaghzlu. Il-konvenut esebixxa wkoll email li l-

Qorti mmarkat bhala Dokument X fejn Max Minhas qal li huwa ma kienx f'posizzjoni li jinvesti sakemm ikun sodisfatt li hemm *business plan* u strategija soda.

Il-konvenut gie mistoqsi x'konnessjoni hemm bejnu, bejn l-investitur u l-inkorporazzjoni tal-kumpanija. L-investitur kellu jgib il-fondi ghall-kumpanija kollha. Dan kien intqal lil Claudio mill-bidu nett. Il-konvenut kien staqsa lil Claudio jekk is-socjeta' attrici kienitx lesta li toffri s-servizz taghha avolja ghad m'hemmx investiment. Mistoqsi x'jahseb fuq il-firma tieghu fuq MX Entertainment u *foundation* taghha fid-dokument a fol. 25 wiegeb li kien hu li ffirma dan id-dokument. Bil-kelma *foundation* hu ried ifisser li l-kumpanija kienet ghadha ma tezistix imma kienet ghadha *in formation*.

Ix-xhud jiftakar illi fl-10 ta' Novembru huwa kien ircieva email minn ghand wiehed mill-kandidati fejn staqsieh x'kellu jaghmel u kien qed jistenna d-decizjoni taghhom. Din l-email giet esebita u mmarkata bhala Dokument S.

Il-konvenut gie muri dokument a fol. 26 u tenna illi la darba l-kumpanija giet iffurmata, giet irregistrata u stabbilita. Dan id-dokument huwa parti mill-kuntratt li kien iffirma bhala addendum tat-tibdil. Huwa kkonferma li kien innegozja l-addendum u ffirmah. Meta huwa nizzel li l-kumpanija kienet ghadha *"in formation"* huwa ried jghid illi jekk il-kumpanija ma tkunx registrata, l-offerta ma tkunx valida. Ghalih il-kelma *foundation* tfisser illi l-kumpanija ghadha ma gietx inkorporata u ghalhekk dan il-ftehim jaqa'jekk il-kumpanija ma tigix inkorporata. Il-kandidati fehmu dan ukoll.

Mistoqsi jekk qattx iltaqa' mal-kandidati huwa qal illi iva. Infatti huwa kellu tliet laqghat mal-kandidati. L-ewwel laqgha kienet fl-20 ta' Ottubru 2009 fejn iltaqa' ma' tliet kandidati. Prezenti f'din il-laqgha kien hemm ukoll Claudio Stagno flimkien mat-tifel tieghu. Iveta Leo kienet prezenti waqt kull laqgha. Hija kienet prezenti wkoll fl-ewwel laqgha li kellu ma' Claudio Stagno. Huma kienu nnegozjaw il-pakket tal-paga tal-kandidati u meta kienu ha jibdew ix-xoghol. Dan kien rapportat lil Max Minhas ghax

kien importanti li jkun jaf l-ispiza tal-kandidati kemm kienet se tkun. Gie pjanat li l-impjieg kellu jibda fl-1 ta’ Dicembru 2009. Huwa jaf li l-kandidati kienu tawhom proposti ta’ kif kienu se jaghmlu xogholhom. Ma kien hemm l-ebda *working relationship* u ma taw l-ebda pagamenti lill-kandidati.

Huwa spjega li kellu jkun hemm xoghol ta’ konsulenza la darba l-investitur jaccetta li jaghmel l-investiment. Max Minhas kien l-investitur imma baqa’ qatt ma’ accettah u ghalhekk qatt ma’ kien hemm konsulenzi.

Il-konvenut gie muri dokument a fol. 63 u ddikjara li dawn kienu l-kundizzjonijiet li hu kien kiteb jekk isehh l-investiment. Huwa kkonferma li Mr Minhas kien marid minn zmien ghal zmien u kellu xi problemi ta’ sahha. Mr Minhas qatt ma\ kkonferma l-impjieg ma’ Claudio Stagno. Ix-xhud sostna li Pentasia kienet qed tfittex nies ghal impjieg immedjat pero’ effettivament ix-xoghol qatt ma sehh ghax ma kienx hemm investiment.

Il-konvenut gie muri fol 61 tal-process biex jikkonferma li fis-26 ta’ Ottubru 2009 huwa kellu laqgha ma’ kandidat iehor imma dan ma kienx ta’ nteress ghalihom. Huwa cahad li kien hemm posizzjoni mimlija ta’ xoghol ghax il-kumpanija kienet ghadha ma ffurmatx.

Fis-17 ta’ Novembru 2009 huwa rcieva emaill minn Max Minhas fejn infurmah li ma’ baqalu l-ebda nteress fuq il-progett. Il-kandidati kienu qalulu li ma kellhomx licenzja u permess biex jahdmu Malta u kienu Malta bi *students visa*. Dawn il-kandidati kienu t-tnejn Cinizi. Huwa sostna li jekk persuna li tkun qed tfittex xoghol tkun barra l-Ewropa, huwa jrid ikollu licenzja tax-xoghol biex ikun jista’ jahdem f’kumpanija tal-loghob. Pero’ wiehed mill-kandidati Cinizi kellu xoghol hawn Malta u kien qed isaqsihom jekk ghandux jitlaq mix-xoghol jew le. Pero’ rrizulta li ma kellux permess tax-xoghol. Iz-zewg kandidati l-ohra kienu bla xoghol. Ma kienx mistenni li z-zewg kandidati bla xoghol li kellhom permess ghal xoghol hawn Malta.

**Iveta Leo** xehdet fil-5 ta’ Ottubru 2011 fejn iddikjarat li ghandha *gaming experience* u hi partner mal-konvenut Peter Czwalina. Hija stqarret li ghandha *social partnership* mal-konvenut. Mistoqsija jekk tafx lil Max Minhas hija wiegbet li tafu minn komunikazzjoni tieghu fuq xoghol mal-konvenut. Max entertainment kellha tkun kumpanija li tkun stabbilita la darba l-investitur jiddeciedi li jinvesti f’Malta. L-investiment qatt ma sar u ghalhekk il-kumpanija qatt ma giet registrata.

Ix-xhud spjegat li xogholha f’dan kollu kien li tghin lil Peter Czawlina biex tigbor l-informazzjoni necessarja ghall-investitur. Mistoqsija r-raguni ghaliex Max Minhas ma nvestiex hija wiegbet li Minhas qalilha li meta’ ltaqa’ mal-kandidati ma kienx sodisfatt bihom. Meta huwa ltaqa’ maz-zewg kandidati Nick u John, dawn kitbu iktar mistoqsijiet milli fil-verita’ kellu hu u dan kif imsemmi f’dokument Z.

Hija kienet qalet mill-bidu nett li ma kien hemm l-ebda flus fil-bank account u kienu ghadhom qed jistennew struzzjonijiet mill-investitur. Dan kien intqal lil Claudio u lill-kandidati mill-ewwel gurnata. Infatti wara saret taf li Claudio kien baghat offerta lin-nies li lilha xxukjata u li setghet wasslet ghar-rizenja tal-kandidati li kienu ghadhom impjegati ma haddiehor f’dak iz-zmien. Hija sostniet li l-kandidati Cinizi kienu fehmu dan kollu li ma kien hemm xejn sigur f’dak iz-zmien. Hija taf li din l-offerta kienet intbaghtet minn Claudio fit-23 ta’ Ottubru 2009 u hija nghatat kopja ta’ dan. Fl-10 ta’ Novembru 2009 dawn in-nies Cinizi kienu ghadhom jistaqsuha kif ha jibqghu. Hija esebiet email dwar dan li giet immarkata bhala Dokument T. Wiehed minnhom kien il-kandidat Ciniz li fehem li f’dak l-istadju ma kien hemm xejn sigur.

Hija stqarret li kellha kuntatt personali ma’ dawn il-klijenti u taf li kien hemm problemi minn naha tal-investitur fejn kien qed jistenna xi twegibiet u avzathom b’dan kollu. Infatti meta Minhas iltaqa’ maghhom huwa qal li ma kienx sodisfatt. Mistoqsija jekk Minhas qattx kien involut fl-*l-gaming Industry* hija wiegbet li ma tafx. Pero’ Max Minhas kien iltaqa’ ma’ dawn il-kandidati f’San Giljan. Mistoqsija

jekk tafx li l-konvenut qatt kienx involut fl-I-Gaming Industry qalet li ma kienx sa fejn taf hi. Hija kienet ilha tahdem fl-I-Gaming Industry ghal seba' snin. Hija tahdem bhala *customer support manager relation* b'diversi xogholijiet.

Meta staqsiet lil Claudio jekk hemmx xi spejjez fuq dan kollu qabel mal-kumpanija giet registrata u l-investiment ikun sar, Claudio qal illi ma jkun hemm l-ebda spejjez u hadd ma jkun intaghzel qabel ma' tibda l-issue kollha. Hija stqarret li Claudio kien qalilha li ma jkun hemm l-ebda spejjez involuti sakemm l-investitur jiddeciedi u l-kumpanija tigi furmata u jibdew, sakemm ikun hemm flus fil-kont. Sakemm jigri dan kien kliem biss.

Hija stqarret li sa dak iz-zmien huma kienu qed jaraw kemm is-socjeta' attrici kienet qed tghaggel biex ittihom l-informazzjoni biex huma jghadduha lill-investitur. Din ma kienetx xi *fishing expedition*. Hija sostniet li din kienet haga serja u li kellhom bzonn jistennew sa' l-ahhar. Ix-xhud qalet li hadd mhu ha jinforma lill-kandidat li ntaghzel qabel ma jkollhom il-flus.

Gie dikjarat li l-email address ta' Max Minhas huwa maxminhas@gmail.com

Rat l-affidavit tal-konvenut **Peter Czwalina** pprezentat fil-15 ta' Frar 2012 fejn iddikjara li f'Ottubru 2009, huwa kien ikkunttatja lis-socjeta' attrici Pentasia Malta Limited halli jsibulu haddiema ghax kien ha jiftah kumpanija f'Malta. Il-kumpanija kien ha jkun jisimha MX-Entertainment Limited u kienet ha tkun *I-Gaming business*. Huwa ma jaqbilx ma' dak li qal Claudio Stagno fit-tieni paragrafu ta' l-affidavit tieghu illi kienu qalulu li l-kumpanija kienet diga' giet iffurmata. Huwa qatt ma' kien indika lil Claudio Stagno li l-kumpanija kienet diga' ffurmata. Huwa kien spjegalu illi l-kumpanija ma kienitx furmata f'laqgha li saret fid-9 ta' Ottubru 2009 bejn ir-rappresentanti ta' Pentasia Malta Limited li kienu Claudio Stagno u Ziva Kolaric u bejn Iveta Leo u l-konvenut stess. Huwa kien spjega li kien hemm diskussjonijiet ma' investitur li kien interessat li jinvesti fil-

kumpanija. Huwa kien qalilhom ukoll illi ma kien ha jhaddem lil hadd sakemm l-investiment ikun ikkonfermat.

Waqt din il-laqgha, il-konvenut kien staqsa lil Claudio Stagno jekk kienx hemm xi hlas a favur is-socjeta' attrici talli tkun introduciet il-kandidati ghal xoghol. Dan kien wiegbu li Pentasia ticcargja biss jekk il-kandidati jkunu gew impjegati mal-kumpanija.

Il-kumpanija attrici gabet numru ta' kandidati li kienu gew intervistati mill-konvenut u minn Iveta Leo li tahdem mieghu. Waqt dawn l-intervisti, il-kandidati gew infurmati li x-xoghol jigi offrut lilhom jekk il-kumpanija tkun eventwalment iffurmata.

Waqt laqgha ohra bejn Claudio Stagno, Iveta Leo u l-konvenut, kien gie diskuss bejniethom il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xoghol kif indikat f'Dokument F anness mal-affidavit ta' Claudio Stagno. Huwa ma jaqbilx ma' dak li qal Claudio Stagno f'paragrafu tmienja tal-affidavit tieghu fejn jghid li l-konvenut u Iveta Leo kienu kkonfermaw l-impjieg ta' Nicholas Vlachos, Zhidi Zhang u Lei Zhang waqt il-meeting. Il-konvenut jikkjarifika li f'Dokument F jinghad li Iveta Leo kienet hadet nota bil-hsieb li tigi pprezentata lill-investitur Max Minhas. Dawn in-noti saru biss biex jinzammu ghall-kumpanija. Fl-ebda hin tal-laqgha ma kkonferma jew awtorizza lil Claudio Stagno biex joffri mpjieg lill-kandidati.

Il-konvenut ghamel referenza ghall-emails mibghuta minn Claudio Stagno fejn kien offra x-xoghol lill-kandidati prospettivi li gew esebiti fl-affidavit ta' Claudio Stagno bhala Dokument I, G u H. Huwa kkonferma bil-gurament li huwa qatt ma' awtorizza lil Claudio Stagno biex joffri x-xoghol lill-kandidati Nicholas Vlachos, Zhidi Zhang u Lei Zhang. Dawn l-offerti ma kienux awtorizzati. Fuq dan huwa zied jghid illi wara li ra dawn l-emails huwa kkuntatja lil Claudio Stagno biex jghidlu li l-emails kienu qed jizvijawhom. Stagno qallu biex jispjega s-sitwazzjoni lill-kandidati. Sussegwentament huwa cempel lill-kandidati biex jikkjarifika s-sitwazzjoni maghhom u spjegalhom li huma ma kienux f'posizzjoni li jimpjegawhom ghax il-

kumpanija kienet ghadha ma gietx iffurmata minhabba d-diffikultajiet tal-investitur.

Huwa spjega li waqt l-ewwel jew it-tieni gimgha ta' Novembru 2009 huwa nforma lil Pentasia Malta Limited u l-kandidati li kien hemm dewmien fil-formazzjoni tal-kumpanija kkawzata mill-investitur Max Minhas. Claudio Stagno u Christopher Vella minn Pentasia talbu laqgha u qalu li huma setghu jassistuhom biex isibu nvestituri ohrajn. Huwa accetta u ghaddielhom l-informazzjoni kollha fuq il-kumpanija.

Claudio Stagno nforma lill-konvenut li kellu kuntatt ma' avukat li jirraprezenta nvestituri Maltin li jghixu l-Afrika t'Isfel. Meta huwa staqsa lil Claudio Stagno fuq l-ispejjez li s-socjeta' attrici kienet ser titlob, huwa wiegeb li ma kienux ser jiccargjawh, ghalkemm ma' kellu jghid lil hadd dwar dan. L-avukat kien Dr Marco A. Ciliberti u ghamel appuntament mieghu biex jiddiskutu l-investiment fis-17 ta' Novembru 2009. Huwa ghaddielu l-informazzjoni fuq il-kumpanija bil-kundizzjoni li juzaha biss biex jinfurma lill-investitur prospettiv. Dr Ciliberti kien iddikjara li kellu xi nvestituri nteressati pero' qatt ma' kien tah risposta fuq dan l-investiment. Huwa nduna li kien l-avukat ta' Pentasia Malta Limited meta rcieva ittra legali minn ghandu datata 10 ta' Marzu 2010 fejn talab il-hlas tar-reklutagg ghall-kumpanija attrici.

Huwa ddikjara illi minhabba dawn ir-ragunijiet imsemmija fl-affidavit, huwa qatt ma' kien awtorizza lis-socjeta' attrici biex toffri x-xoghol lit-tliet kandidati li huma ndikati f'dokument A u konsegwentament huwa ma ghandu jaghti l-ebda *administration fee* lill-kumpanija attrici.

Rat l-affidavit ta' **Iveta Leo** pprezentat fil-15 ta' Frar 2012 fejn iddikjarat illi hija kienet involuta fl-*i-gaming industry* mill-elfejn u wiehed (2001). Hija kienet qed tassisti lill-konvenut fir-ricerka tieghu ghall-haddiema. Li kieku l-kumpanija MX Entertainment Limited kienet iffurmata, hija kienet tkun impjegata maghha.

Hija spjegat li kienet ikkuntatjat lil Claudio Stagno biex jiddiskutu l-possibilita’ li jimpjegaw haddiema mal-kumpanija li Peter Czwalina kien ha jiftah hawn Malta biex jopera fl-*i-gaming business*. F’dak iz-zmien huma kienu f’kuntatt ma’ Max Minhas li kien interessat jinvesti fil-kumpanija. Hija kienet ghamlita cara ma’ Claudio Stagno li l-kumpanija kienet ghadha mhix iffurmata u hu wegibha li ma kienitx problema. Hija spjegatlu li Max Minhas kellu jiddeciedi fuq il-kandidati proposti. Sussegwentament huwa kien iltaqa’ maghhom imma kellu dubju jekk kienux tajbin ghar-rwol li kien se jkollhom.

Rigward l-emails datati 23 ta’ Ottubru 2009 fejn Claudio Stagno kien offra x-xoghol lil Nicholas Vlachos, Zhidi Zhang u Lei Zhang, hija kkonfermat li la l-konvenut u lanqas hi qatt ma’ awtorizzaw lil Mr Stagno biex jaghmel dan il-pass. Infatti l-konvenut kien tkellem maghhom wara din l-offerta fejn spjegalhom is-sitwazzjoni kif kienet fil-verita’. Hija wkoll kienet tikkomunika ma’ Zhidi Zhang li ried jaf jekk ghandux jieqaf mix-xoghol. Hija qaltlu biex ma jitlaqx mix-xoghol ghax il-kumpanija kienet ghadha ma gietx furmata u ma setax jigi offrut ix-xoghol.

Hija semmiet Dokument F li hu anness fl-affidavit ta’ Claudio Stagno u spjegat illi dawn kienu biss noti li huma hadu waqt il-laqgha fejn Mr Stagno qatt ma gie awtorizzat biex joffrilhom ix-xoghol. Dan id-dokument kien sar biex jipprezentawh lil Max Minhas bhala indikazzjoni tal-ispejjez u termini ohrajn tax-xoghol li kienu relevanti ghalih bhala investitur.

Rat in-nota tal-konvenut Peter Czwalina ipprezentata nhar it-2 ta’ Mejju 2012 illi permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ **Dr. Fredrik Verkroost** hawn anness u mmarkat bhala Dok PC9. Illi pero b’digriet ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Gunju 2012 dan l-istess affidavit gie sfilzat stante li ma seta isir l-ebda kontro-ezami tax-xhud.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2012 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob hlas fl-ammont ta’ ghaxart elef, erba’ mija u hamsin Ewro u tmien centezmi (€10,450.08) valur ta’ fattura esebita fl-atti u datata 1 ta’ Dicembru 2009 ghal servizz ta’ reklutagg li huwa allegatament rez lill-konvenut. Min-naha l-ohra, l-kovenut de proprio qed jichad li ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici u dan ghaliex is-servizz ma kienx komplet fis-sens li ma kien hemm l-ebda ingagg u skond il-kuntratt Dok C, is-socjeta’ attrici hija intitolata ghall-hlas una volta l-prospettivi kandidati jigu ingaggati mis-socjeta’ MX Entertainment u f’kaz li effettivament din is-socjeta’ tigi ffurmata. Jghid ukoll li l-ftehim bejniethom kien qiehed regolat skond id-dokument esebit fl-atti u immarkat mill-Qorti bhala Dok C a fol. 19 tal-atti.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1998 fil-kawza “**Beacom et vs Spiteri Staines**”, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*“Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda, u li ‘gialadarba kuntratt ghandu forza ta’ ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti.” [**Cuschieri noe v Vincenti,** 13.02.1950, Appell.*

Illi l-istess sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tkompli tghid *“Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta’ att miktub u hi tali volta annessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b’mod ambigwu”* (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

In omagg ghal dan il-principju, il-Qrati taghna accettaw il-validita` ta` klawsoli bhal dik in ezami meta kienu certi li l-ghazla tal-mod kif kellha tkun determinata kwistjoni ta` bejn il-partijiet kienet tabilhaqq tirrifletti r-rieda taghhom

skond il-kuntratt ta` bejniethom (Appell Civili – **"Foster vs Gatt"** – 27 ta` Gunju 1924 – Vol.XXX.I.1071 ; u qabel din, is-sentenza riportata fil-**Kollezz. Vol. XXIV.I.1067**)

Illi ntqal inoltre anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) li l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"** **–** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001)".

Illi ukoll fis-sentenza **"Joseph Vella vs Cecil Attard"** (P.A. (LFS) - Cit.Nru: 591/01/LFS – 7 ta' Dicembru 2004) inghad li:

*"Issa fi ftehim bil-miktub il-kontenut johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet* ***Frendo vs Caruana*** *jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet* ***Simpson vs Saliba.***

*Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet* ***Albert Brincat vs Anthony Saliba*** *deciza fl-14 ta' Novembru, 1983 jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidate punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba: izda l-provi orali mhumiex*

*ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car – ara artikolu 1002 tal-Kap 16".*

Jinsab preskritt fl-**Artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc** illi *"jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm ghandu jitnizzel bil-miktub, hu prezunt li huma riedu jassoggettaw il-validita` tieghu ghat-tharis ta' dik il-formalita`".*

Kif ahjar imfisser mill-Qorti tal-Appell, Sede Kummercjali, fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Vella Gatt nomine -vs- Giuseppe Darmanin et**", 23 ta' Novembru 1956 **(Kollez. Vol. XL P I p 572),** *"dik il-presunzjoni mhijiex juris tantum, imma juris et de jure, u hija ntiza biex tipprevjeni u tiddirimi l-kwestjonijiet tal-kummerc, u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi (ara Debates ta' l-Assemblea Legislattiva, Vol. 21, tas-sena 1932 -33, p. 737, 2a. col.) … Huwa risaput li l-awtur ta' l-abbozz ta' dik il-ligi, li kien il-Professur Carlo Mallia, allura Ministru tal-Gustizzja, kien irrispekkja ruhu fuq it-taghlim tal-Vivante, li fit-Trattat tieghu ppropona ghall-eventwali riforma tal-ligi taljana 'il ritorno alla dottrina romanistica per cui l' accord nella forma si presumeva condizione per l' esistenza del contratto' (Trattato di Diritto Commerciale, no. 1580, p. 75). U d-dottrina romanistika li ghaliha alluda Vivante hija precizament il-Ligi 17, 'de fide instrumentorum' (Codice, IV, 16) fejn Gustinjanu kien ippreskriva li meta jkun sar il-ftehim li ghandu jsir bil-mitkub, u ma jsirx, 'non aliter vires sancimus habere … ut nulli liceat … quem haec ita processerunt … aliquod jus sibi ex eodem contractu vel transactione vindicare'."*

Fi kliem iehor gjaladarba *"l-ligi trid illi, jekk il-partijiet jiftehmu li jaghtu forma bil-miktub ghal ftehim verbali, il-presunzjoni hija illi x-xewqa taghhom tkun illi jassoggettaw il-validita` ta' l-osservanza ghal dik il-forma; u ghalhekk qabel ma tigi ffirmata l-iskrittura ma jistax jinghad illi lftehim hu perfett" - "***Neg. Joseph Stellini nomine –vs Neg. Salvatore Debono***", Appell Kummercjali, 14 ta' Dicembru 1942 (Kollez. Vol. XXXI P I p 565);*

Illi ghalhekk huwa ta' importanza assoluta f'dan il-kaz li l-Qorti tezamina l-klawsoli imsemmija fil-kuntratt Dok C

iffirmat min-naha wahda, bhala klijent il-konvenut bhala CEO tal-kumpanija li kienet ghadha mhiex registrata, u min-naha l-ohra s-socjeta' attrici bhala l-agenzija ta' reklutagg.

B'referenza ghall-kuntratt Dok C jirrizulta li l-konvenut qua klijent kien obbliga ruhu bis-segwenti:-

Skond klawsola numru 3.1.1, il-klijent ghandu '*notify the Agency immediately of any offer of an Engagement which it makes to the Applicant'* u skond l-klawsola numru 3.1.2 huwa ghandu jinnotifika '*the Agency immediately that its offer of an Engagement to the Applicant has been accepted or otherwise upon commencement of an Engagement (whichever first occurs) and provide details of the Annual Remuneration to the Agency'*.

Illi l-konvenut qal li huwa kien qed jittenta jsib investitur barrani li sa dak il-hin kellu f'mohhu certu Max Minhas sabiex jirregistra l-kumpanija MX Entertainment bil-ghan li jkun hemm negozju dwar *I-gaming* hawn Malta u fil-process huwa kien gie nkarigat minnu sabiex jipprova isiblu kandidati idoneji ghal dan ix-xoghol u kien ghalhekk li l-konvenut intrabat bil-kuntratt fuq imsemmi.

Bhala fatt jirrizulta li l-kumpanija MX Entertainment qatt ma giet registrata u dan ghaliex Max Minhas rega' bdielu ghaliex skond e-mail esebita fl-atti mill-inkontru li kellu mal-kandidati prospettivi, ma hasibx li seta' jibda jinnegozja hawn Malta u ghalhekk kien abbanduna l-progett u ghalhekk il-konvenut qed jghid li una volta l-kumpanija ma gietx registrata, ma kien hemm hadd mill-kandidati li ressqet is-socjeta' attrici li gie impjegat u allura huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici kif mitlub skond ir-rikors promotur.

Bhala fatt jirrizulta li ma hemmx dubju li l-konvenut dejjem sostna li kien qed jagixxi ghan-nom ta' terz u li l-progett ma kienx tieghu. Bizzejjed issir referenza ghall-affidavit ta' Claudio Stagno esebit fl-atti a fol. 13 et seq fejn dan Stagno jghid li l-konvenut kien qallu li huwa kellu investitur li kien qed jassistih fil-htigijiet finanzjarji.

Ma hemmx dubju li s-socjeta' ghamlet l-ghalmu taghha sabiex issib kandidati idoneji ghal dan it-tip ta' xoghol u ghaddiet l-informazzjoni li kellha ta' dawn il-prospettivi kandidati lil Iveta Leo li kienet is-siehba tal-konvenut pero' dan nonostante dawn baqghu ma gewx impjegati u ma gie ffirmat l-ebda kuntratt ta' impjieg maghhom.

Stagno, ghan-nom tas-socjeta' attrici, jghid li huma bbazaw it-talba fir-rikors promotur taghhom billi stqarr li s-servizz tar-reklutagg giet kalkolata fuq it-*Terms of Business* imsemmi fid-dok C taht l-intestatura '*Cancellation fee'* u cioe' bir-rata ta' 18% ta' paga annwali ta' kull kandidat impjegat. F'dan il-kaz jghid li Nicholas Vlachos kellu jircievi €30,000 * 18% = €5,400, Zidi Zhang kellu jirceivi €38,400 * 18% - €6,912 u Lei Zhang kellu jircievi €30,000 * 18% = €5,400. Madankollu jghid li l-offerti gew irtirati u ai termini ta' l-Artikolu 5.1 tat-*Terms of Business* is-somma dovuta lilhom kellha tigi ridotta ghal 50% u cioe' €8,856 u l-VAT fuq din is-somma tammonta ghal €1,594.08 u ghalhekk komplessivament it-talba tammonta ghal €10,450.08 skond il-fattura Dok A.

Il-konvenut jghid li huwa qatt ma' accetta li jingagga lil xi kandidat propost mis-socjeta' attrici u ghalhekk qatt ma kien hemm '*an offer of engagement'*. Minn dejjem qal u ghamilha cara li huwa kien qed jaghmel biss *preparatory work* f'kaz li s-socjeta' MX Entertainment tigi registrata u tigi fi stadju li tingagga n-nies offruti mis-socjeta' attrici. Kif tista' s-socjeta' attrici tghid li kien hemm '*an offer of engagement*' meta Max Minhas li kien l-investitur jghid fl-email li baghat fid-9 ta' Novembru 2009 (Dok X a fol 82 ) li "*I am not in a position to invest until I am completely satisfied that we have a solid business plan and stategy. Meeting John and Nick* (in-nies imressqa mis-socjeta' attrici) *raised more questions than answered*".

Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni esebita jidher li s-socjeta' attrici kienet mghaggla sabiex timpjega lill-kandidati prospettivi u dan ghaliex fit-23 ta' Ottubru 2009 hija kitbet e-mails kemm lil Nick Svlachos, Zhid Zang u lil Lei Zhang (vide e mails esebita fl-atti a fol 64 et seq) fejn

ikkongratulathom ghall-impjieg taghhom u gharrfithom bil-kundizzjonijiet tal-impieg taghhom. Stramba pero’ ghaliex minn ezami tal-file ma jirrizultax li l-konvenut qatt ta xi *‘go ahead’* lil din is-socjeta’ sabiex taghlaq in-negozjati jew li tifformula xi kuntratt ta’ impjieg bejnha u l-kandidati prospettivi maghzula minnha. Jinghad li dawn l-emails huma datati 23 ta’ Ottubru 2009 u l-email li baghat Max Minhas fuq imsemmija fejn iddikjara li ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni hija datata 9 ta’ Novembru 2009 u ghalhekk hemm xi haga li tistona zgur.

Minn qari akkurat tal-ftehim Dok C jidher primarjament li s-socjeta’ attrici kienet intitolata ghall-hlas una volta l-klijent u cioe’ l-konvenut jinnotifika immedjatament lil Agenzija u cioe’ lis-socjeta’ attrici, bl-offerta li jkun ghamel u li giet accettata mill-applikant kandidat prospettiv jew alternattivament una volta ikun hemm l-accettazzjoni u bidu ta’ impjieg mill-kandidat. Ta’ importanza hija dak li hemm miktub fil-klawsola numru 3.1 li hija l-klijent li ghandu jinnotifika lis-socjeta’ attrici bl-offerta li jaghmel lill-kandidat applikant.

Issa f’dan il-kaz kif spjegat aktar ’il fuq jirrizulta li kienet l-agenzija li gharrfet lill-kandidati maghzula minnha bl-offerta tal-impjieg u mhux il-klijent konvenut u ghalhekk dak li jsegwi fil-klawsola numru 5.1 dwar ‘*cancellation fee*’, il-Qorti hija tal-fehma li ma tapplikax ghaliex il-klijent qatt ma ghamel offer ta’ engagement lill-applikant.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici m’ghandhiex tigi milqugha u filwaqt li qed tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut qieghda tirrispingi t-talba attrici.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------